MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Numru 8/1999

**Il-Pulizija**
**Sp Sandro Gatt**
**Sp Neville Aquilina**
**vs**
**Diego Borg**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Diego Borg ta' 19-il sena iben Joseph Mary u Maria Rosaria nee McKay mwieled Pieta fis-26.08.1979 u residenti f'1 Pinto Street Qormi, ID 405079M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-09.03.1999 u matul dan l-ahhar sitt xhur qabel din id-data forna jew prokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-**

**Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-parametru ta' l-iskola bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat ukoll li a fol 7 l-avukat generali ta l-kunsens tieghu biex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti Kriminali. Rat**

**li a fol 9 tal-process, fid-debitu interrogatorju, l-akkuzat wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Rat l-atti kollha tal-kawza.**

**Senjalament u ta' importanza wkoll li iktar tard, fil-mori ta' din il-kawza kif jidher a fol 98 tal-process gie presentata il-kontro ordni tal-avukat generali taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

**Ikkonsidrat**

**In succint din il-kawza tirrelata dwar intercettazzjoni li ghamlu l-iskwadra tad-droga fuq l-istess akkuzat meta kien fil-kumpanija ta' haddiehor kien intercettat fl-akwati ta' Hal Qormi. Minn hemm hekk saru zewg searches f'zewg indirizzi li ta l-imputat stess u cioe wiehed fi flat ta' Bugibba u l-iehor fid-dar tieghu Pinto Road Qormi. Kemm fil-flat ta' Bugibba u kif ukoll f'Pinto Road Qormi gew elevati diversi oggetti relatati ma' l-uzu tad-droga, aktar u aktar mid-dar ta' Hal Qormi, sustanza ta' kulur kannella suspettata bhala eroina. F'dan il-konfront fil-fatt wiehed jara r-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud a foll 51 tal-process, Dok. MM li jaghti rizultat fl-affermattiv fir-rigward tas-sustanza eroina.**

**Illi, mill-assjen tal-provi jirrizulta li fil-fatt Diego Borg kien fil-hin addebitat lilu fl-akkuza qed jitraffika fid-droga. Dan aktar u aktar jirrizulta mix-xhieda moghtija minn certu Joseph Farrugia a foll 28 tal-process li jghid li hu gieli xtara eroina minghand Diego versu Lm19 nofs gramma. Jghid ukoll li kien l-istess Diego Borg li kien wrieh persuna ohra liema isem ma jafx minn fejn kien fin-nuqqas li jinqeda minghand Diego seta' jinqeda. Jghid l-istess Joseph Farrugia li hu xtara d-droga anke mill-fond 1 Pinto Street Qormi minn fejn waqt is-search instabu qratas kif gia hawn fuq premess.**

**Diego Borg fil-kors tal-investigazzjoni ghazel li jirrilaxxja stqarrija esebita a foll 21 sa 23 tal-process, esebita bhala Dok SG. Fl-istess stqarrija senjalament Diego Borg jghid li hu f'dak il-hin ma kienx jahdem, kien jirregistra ghax-xoghol. Kien ilu wieqaf xi sena u kien jghix bis-somma ta' LM35.47 relief. Qal ukoll li kien mizzewweg u ghandu tifel ta' sentejn. Qal li hu jghix f'indirizz 1 Pinto street Qormi u kellu wkoll flat Bugibba Triq it-Turisti. Semma wkoll li kellu Escort Mark II celesti, din kien ihallasha bil-quddiem billi halla depositu jew akkont tal-prezz ta' LM150, li kien qed ihallas b'rati mensili ta' LM100. Qal li kien ghad baqghalu jaghtu fuq din il-karozza LM1200. Mistoqsi ghal hekk minn fejn kien igib il-flus biex ihallas il-flat ta' Bugibba, il-garaxx ta' St. Venera, fejn per parentesi kien izomm il-kelb ghax kien dilettant tal-klieb u biex ikopri l-pagamenti tal-karozza wiegeb, li l-garaxx ma kienx tieghu pero ghall-pagament tal-karozza kien ihallasha mill-pagament tal-qratas li kien ibiegh. Ammetta wkoll li gieli kien ibiegh id-droga minn fejn l-iskola ta' San Gorg Hal Qormi.**

**Dwar il-bejgh tad-droga qal hekk:**

**"Dawn huma qratas tal-eroina. Jien kont naghmel xi 10 pakketti u nbiegh 4 biex ikolli biex nerga nixtri. Jien kont naghmel dawn il-qratas. Jien kont naghmel 10 pakketti minn gramma. Inzomm 6 ghalija u 4 inbieghhom, nigbor il-flus tal-4 biex ikolli biex nerga nixtri. Kont inbiegh pakkett LM9.00. Jien ilni ghaddej minn mindu qbadt l-eroina forsi tlett xhur ilu. Minn xahar u nofs ilu kont bdejt inbiegh id-droga. Kont naghmel il-qratas tal-karti ghalija u forsi jinqala bniedem u nbieghlu. Go borza tal-pastic kont nitfa qisu 4 qratas biex inbieghhom. L-eroina kont naghmilha straight gol-borza tal-plastic fil-kantunieri taghhom. Fil-flat ta' Bugibba kelli note book zghir bil-kaxxi zghar ta' kulur blu u dan kont nuzah minnu biex naghmel il-qratas' (a fol 22 tal-process).**

**F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel anke referenza ghall-oggetti esebiti, elevati mill-fond ta' Bugibba u Qormi li**

**fihom kien jirrisjedi l-akkuzat, esebiti mill-Ispettur Gatt bhala Dok SG sa SG11 u ghar-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud esebiti bhala Dok MM.**

**Illi Diego Borg ghazel ukoll li jixhed viva voce quddiem din il-Qorti. Fix-xhieda tieghu rega kkonferma fil-fatt li hu kien ibiegh id-droga biex ikollu l-flus biex jerga jixtri d-droga ghalih, jigifieri in poce parole Diego Borg qed jammetti li kien ibiegh id-droga biex isostni l-vizzju tieghu tad-droga. Anzi a foll 164 imur oltre. Jghidilna s-Sur Borg hekk, li fil-fatti ‘kont inbiegh biex infieq jien.’ Ghalehkk fil-kontro ezami l-istess Diego Borg jghid li b’LM100 kien jixtri tlett grammi u minn dawn kien ihalli tlieta jew erbgha minnhom biex ikun jista jbiegh ghar-ragunijiet diga premessi.**

**Ikkonsidrat**

**Ma tistax din il-Qorti ma tikkummentax dwar il-fatt li hemm distinzjoni bejn dak li stqarr a tempo vergine Diego Borg fl-istqarrija tieghu lill-ufficjal investigattiv u dak li xehed bil-gurament quddiem din il-Qorti. Ghalkemm ir-ragunijiet ghalfejn kien qed ibiegh id-droga baqghet dejjem l-istess pero huwa mill-ovvju li quddiem din il-Qorti l-akkuzat prova jimminimizza l-piz tal-kolpa tieghu. Fil-fatt quddiem din il-Qorti Borg taghna verzjoni ta’ kif hu spicca tant vittma tad-droga li tilef kull ma kellu, hanut, karozzi u kien ghal hekk li hu kien kostrett ibiegh id-droga biex isostni l-vizzju tieghu. Stranament fil-fatti jghidilna li kien qed jaghmel hekk biex hu jfieq; jekk jista’ dan jikkostitwixxi xi tip ta’ fejqan!**

**Ma tistax ghalhekk il-Qorti ma tikkummentax oltre, u ovvjament hawn hekk nergghu naslu ghall-istess konluzjoni li s-Sur Borg prova li fix-xhieda tieghu viva voce jimminimizza il-kolpevolezza tieghu dwar it-traffikar, illi ghal bniedem li kien jghix bis-somma mizera allokata lilu bir-relief, kellu tfal, kellu wild iehor gej, kellu flat Bugibba, kien ihallas karozza b’ LM100**

**fix-xahar, dan kollu jaghti l-impressjoni lil din il-Qorti li Diego Borg kien ibiegh droga iktar milli ghazel li jammetti.**

**Ma tistax il-Qorti ma tikkumentax ukoll ghall-fatt li Diego Borg ammetta li hu kien ibiegh id-droga vicin l-iskola ta' San Gorg ta' Hal Qormi u dan a fol 23 tal-process u din l-ammissjoni tirrizulta mill-istess stqarrija. Pero in kwantu ghall-akkuza addebitata kontra l-istess Diego Borg u cioe dak kkontemplat taht l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel ukoll referenza nonostante l-ammissjoni tieghu, ghar-relazzjoni redatta mill-Perit Richard Aquilina li tinsab a fol 43 sa 48 tal-process fejn l-istess Perit Aquilina kkonstata illi l-ebda wiehed mill-postijiet B, C u D u E ma jinstabu f'distanza ta' inqas minn 100 metru mill-fond 1 Pinto Street Qormi mmarkat bhala Dok A fuq is-site plan annessa a fol 46 tal-process. Illi ghalhekk il-Qorti mhux ser tapplika il-provedimenti tal-proviso tal-Artikolu 22 subinciz 2 tal-Kap 101 fil-konfront ta' Diego Borg fir-rigward tad-distanza ta' mitt metru fejn gie kommess ir-reat ta' traffikar.**

**Ghaldaqstant il-Qorti ssib lil Diego Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 9, 10, 12, 20 (b'referenza ghall-ksur tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza Kap 101 tal-ligjiet ta' Malta), l-artiklu 22 (2)(b)(i) ta' l-imsemmi Kapitlu tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll ir-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939), u l-Artiklu 17 u 33 tal-Kapitlu 9.**

**Ikkonsidrat ukoll dwar il-piena wara li rat anke il-fedina penali tal-istess Diego Borg li hija ghal kollox netta, kif ukoll li kif jidher illum, anzi dak iz-zmien li gie esebit id-Dok DB li dak iz-zmien ghamel success kors fil-Komunita ta' Santa Marija kontra l-abbuz tad-droga. Fil-fatti deher anke mix-xhieda tal-istess Diego Borg li hu kien ha zvolta posittiva fil-konfront tal-hajja tieghu. Fattur iehor li l-Qorti trid tikkonsidra hija l-fatt li ghadda diversi zmien minn meta il-prosekuzzjoni**

**ghalqet il-provi taghha ghal meta d-difiza wara hafna differimenti u verbali ressqet il-prova taghha in difiza u cioe li ghazel kif kien id-dritt tieghu del resto li jitla' jixhed l-istess imputat. Daqstant iehor ghadda zmien minn meta inghalqu l-provi tad-difiza u saret id-debita trattazzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza. Tista' tghid li ghas-seduti ta' wara ghajr ghal darba wahda l-imputat ma deher qatt u ghalhekk din is-sentenza qatt ma nghatat. Dan il-Qorti qed tippuntwalizzah minhabba l-pieni tassattivi li jinkorporaw maghhom il-htija ghal reati addebitati lis-Sur Borg.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-imsemmija artikolu qed tikkundanna lil Diego Borg ghal piena karcerarja ta' tliet snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li ghamel that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz kif ukoll ghal multa ta' elf lira Maltin (Lm 1000).**

**Tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-esebiti kollha konsistenti f'sustanzi/Medicini perikoluzi u oggetti ohra relatati ma' l-abbuz tad-droga. Ghal dan l-iskop tahtar lill-Ispizjar Mario Mifsud li ghandu jirrelata lura lilha bil-miktub darba li d-distruzzjoni tkun saret, dan pero' wara verifiki mad-deputat registratur fejn jigi accertat li ma jkunux se jittiehdu proceduri ulterjuri f'dan il-kaz li jehtiegu l-preservazzjoni ta' l-imsemmija esebiti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------